

Brussell, 8 ta' Mejju 2019  
(OR. en)

8808/19

AUDIO 71  
DIGIT 88

**NOTA**

|                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
|------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                |
| lil:             | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                   |
| Nru. dok. preċ.: | 8769/19                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Suġġett:         | Mill-indirizzar tad-diżinformazzjoni għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fil-media<br>- <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i><br>( <i>Dibattitu pubbliku skont l-Artikolu 8 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill</i> )<br>[ <i>propost mill-Presidenza</i> ] |

Wara konsultazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni meħmuż, li huwa ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fit-22 u t-23 ta' Mejju 2019.

**Mill-indirizzar tad-diżinformazzjoni għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fil-media**

***Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza***

Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni hija prijorità importanti tal-Presidenza Rumena tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Hija tema li ġiet indirizzata f'diversi konfigurazzjonijiet tal-Kunsill (il-Kunsill Affarijiet Ġenerali, il-Kunsill Affarijiet Barranin, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni) bil-għan tal-identifikazzjoni ta' reazzjoni urġenti u koordinata għall-isfidi li feġġew dan l-aħħar, b'mod speċjali fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej, li pprijoritizzaw il-hteġa li tiġi żgurata l-integrità tal-proċessi u l-valuri demokratiċi tal-UE.

Il-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport għandu rwol ewlieni x'jaqdi, mhux biss fit-tiftix ta' soluzzjonijiet biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni minn perspettiva awdjoviżiva, iżda wkoll fl-iżgurar ta' servizzi tal-media awdjoviżiva ta' kwalità u l-aċċess għal informazzjoni pluralistika u affidabbli għaċ-ċittadini tal-UE sabiex tinbena mill-ġdid il-fiduċja tagħhom fil-media. Din il-konfigurazzjoni tal-Kunsill hija għalhekk f'pożizzjoni li ttipprovdi kontribut importanti għat-tħejjija tar-rapport dwar it-tagħlimiet meħuda dwar id-diżinformazzjoni li għandu jiġi abbozzat mill-Presidenza, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mar-Rappreżentant Għoli, bil-ħsieb tal-laqqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju.

Fil-laqqgħa tagħhom tas-27 ta' Novembru 2018, matul il-Presidenza Awstrijaka preċedenti, il-ministri għas-settur awdjoviżiv kellhom l-ewwel opportunità għal dibattitu dwar l-indirizzar tat-tixrid tad-diżinformazzjoni online. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ittieħdu passi importanti fil-livell tal-UE.

B'reazzjoni għall-appell inniedi mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018, li jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jippreżentaw proposti speċifiċi għal approċċ koordinat mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, f'Diċembru 2018 ġiet ippubblikata Komunikazzjoni Konġunta dwar "*Pjan ta' Azzjoni kontra d-diżinformazzjoni*", li tistabbilixxi l-azzjonijiet ewlenin għall-indirizzar tad-diżinformazzjoni, strutturati madwar erba' pilastri: it-titjib tal-identifikazzjoni u l-analiżi; it-tisħiħ tar-reazzjonijiet koordinati u konġunti; il-mobilizzazzjoni tas-settur privat, jiġifieri l-pjattaformi u l-industrija online; u s-sensibilizzazzjoni u t-titjib tar-reżiljenza tas-soċjetà.

F'dan il-mument, bil-Kunsill EYCS jikkoinċidi preċiżament mal-ewwel jum tal-elezzjonijiet Ewropej, huwa importanti li jittieħed kont tar-riżultati miksuba u fl-istess ħin li jiġu identifikati linji ta' azzjoni possibbli li għandhom jittieħdu fil-futur.

- Il-mobilizzazzjoni tal-industrija hija vitali għal soluzzjonijiet rapidi u effiċjenti biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni. L-ewwel rapporti ppreżentati mill-firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni (Google, Facebook, Twitter) juru li sar il-progress. Skont il-Kummissjoni, id-demonetizzazzjoni ta' promoturi tad-diżinformazzjoni, il-għlieda kontra bots malizzjużi, it-tikkettar ta' reklami politiċi u t-twettiq ta' inizjattivi biex jippromwovu l-litteriżmu fil-media huma passi sinifikanti 'l quddiem minn dawn il-kumpanniji, iżda għadhom meħtieġa aktar sforzi fuq diversi fronti, bħall-kondiviżjoni ta' metodoloġija u ta' settijiet tad-data għal kontijiet foloz, li jippermettu esperti u verifikaturi tal-fatti ta' partijiet terzi jwettqu evalwazzjonijiet indipendenti.

Fil-Konklużjonijiet tiegħu adottati fil-21 u t-22 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew ħeġġeġ ukoll lil pjattaformi u networks soċjali online biex jimplimentaw bis-siħ il-Kodiċi ta' Prattika u jiżguraw standards ogħla ta' responsabbiltà u trasparenza.

Bħala pass li jmiss, sal-aħħar tal-2019, il-Kummissjoni, bl-għajjnuna tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA), ser twettaq valutazzjoni komprensiva fi tmiem il-perijodu inizjali ta' 12-il xahar tal-Kodiċi. Dan jista' jirriżulta f'aktar azzjonijiet proposti, b'uħud minnhom jistgħu jkunu ta' natura regulatorja.

- Ir-riċerkaturi akkadeamiċi u l-verifikaturi tal-fatti indipendenti jaqdu rwol ewlieni mhux biss minn perspettiva ta' sensibilizzazzjoni iżda wkoll f'termini ta' kisba ta' fehim aħjar tal-mekkaniżmi li jsostnu d-diżinformazzjoni. In-netwerk Ewropew ta' verifikaturi tal-fatti, previst kemm mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni online kif ukoll mill-Pjan ta' Azzjoni kontra d-diżinformazzjoni, huwa fil-proċess li jiġi stabbilit.

Bħala l-ewwel pass, tnieda s-SOMA (l-Osservatorju Soċjali għall-Analiżi tad-Diżinformazzjoni u l-Media Soċjali) f'kooperazzjoni ma' proġetti oħra tar-riċerka u l-iżvilupp (Eunomia, SocialTruth, Provenance u WeVerify). L-osservatorju jappoġġa lill-verifikaturi tal-fatti fil-ħidma tagħhom kontra d-diżinformazzjoni, billi jipprovdi lhom infrastruttura utli u jgħaqqadhom flimkien sabiex jikkollaboraw fuq kompiti speċifiċi. Is-SOMA ser jipprova wkoll għall-ewwel darba l-kunċett ta' ċentri nazzjonali għar-riċerka dwar id-diżinformazzjoni, li għandhom jgħaqqdu flimkien sforzi multidixxiplinari fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari l-verifika tal-fatti u r-riċerka akkademika dwar il-fenomeni tad-diżinformazzjoni.

It-tieni pass huwa li titnieda pjattaforma Ewropea online sikura dwar id-diżinformazzjoni. Tali pjattaforma ser tgħaqqad timijiet multidixxiplinari nazzjonali u toffri ġbir ta' data transkonfinali, għodod ta' analiżi u aċċess għal data madwar l-UE. Huwa previst finanzjament inizjali ta' EUR 2.5 miljun għal din il-pjattaforma online skont l-istrument tal-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* (FNE), b'sejħa li għandha titnieda sa Settembru 2019. L-Istati Membri ser jiġu mistiedna jappoġġaw l-istabbiliment ta' dawn it-timijiet multidixxiplinari nazzjonali, li ser jipprovdu għarfien speċifiku dwar l-ambjenti ta' informazzjoni lokali. Huwa għalhekk importanti li jiġi ttestjat il-livell ta' impenn tal-Istati Membri u r-rieda tagħhom li jikkontribwixxu għal dan il-proġett, li ser joħloq komunità Ewropea indipendenti li tkun kapaċi tindirizza l-fenomeni tad-diżinformazzjoni online.

- Element importanti ieħor fil-livell tal-UE huwa t-tisħiħ tal-ħiliet tal-litteriżmu fil-media, li huma essenzjali biex isaħħu l-pożizzjoni ta' ċittadini u jabilitawhom biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati fl-era diġitali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb ta' soċjetà demokratika.

Id-Direttiva *dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva* riveduta hija stadju importanti essenzjali f'dan ir-rigward. Għall-ewwel darba, tinkludi obbligu fuq l-Istati Membri li jippromwovu u jieħdu miżuri għall-iżvilupp ta' ħiliet tal-litteriżmu fil-media. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol ċentrali moqdi minn pjattaformi ta' video-sharing fl-ġoti ta' aċċess għal kontenut awdjoviżiv, id-Direttiva l-ġdida tobbliha wkoll lil dawn il-pjattaformi biex jipprevedu miżuri u għodod effettivi tal-litteriżmu fil-media u jqajmu l-kuxjenza tal-utenti dwar dawk il-miżuri u l-għodod. L-Istati Membri għandhom sad-19 ta' Settembru 2020 biex jikkomunikaw il-miżuri meħuda biex jittrasponu d-Direttiva fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom.

Il-Kumitat ta' Kuntatt jaqdi rwol importanti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u ser jiġi kkonsultat rigward il-linji gwida dwar l-ambitu tar-rapporti dwar il-litteriżmu fil-media mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Litteriżmu fil-Media għandu wkoll rwol sinifikanti x'jaqdi fl-iskoperta, id-dokumentazzjoni u l-estensjoni tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-litteriżmu fil-media, filwaqt li jesplora sinerġiji bejn politiki differenti tal-UE u inizjattivi tal-litteriżmu fil-media, u jagħti pariri u jikkoordina inizjattivi b'reazzjoni għall-isfidi mqajma mid-diżinformazzjoni online.

Huwa importanti li jiġi eżaminat kif il-Kummissjoni tista' tkompli tgħin bil-proċess ta' implimentazzjoni kif ukoll bil-kontinwazzjoni ta' inizjattivi Ewropej bħall-Ġimgħa Ewropea tal-Litteriżmu fil-Media, li l-ewwel edizzjoni tagħha f'Marzu ta' din is-sena bla dubju kienet suċċess.

- Il-ġurnaliżmu ta' kwalità, il-libertà tal-media u l-pluraliżmu jibqgħu l-pedamenti tal-pajsaġġ awdjoviżiv Ewropew tal-lum. Ġew inklużi riżorsi speċifiċi fil-proposti tal-Kummissjoni għall-programmi *Ewropa Kreattiva* u *Ewropa Orizzontali* fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2021-2027) li jmiss. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw għodod ġodda fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni online u l-fehim tar-rwol tal-istandards ġurnalistiċi u tal-kontenut iġġenerat mill-utenti, kif ukoll biex irawmu l-ġurnaliżmu ta' kwalità, il-libertà tal-media, il-pluraliżmu u l-litteriżmu fil-media. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew jappoġġaw ukoll proġetti indipendenti fil-qasam tal-libertà tal-media u l-pluraliżmu.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Ministri huma ġentilment mistiedna jqisu l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Preċiżament fl-ewwel jum tal-elezzjonijiet Ewropej, il-Ministru kif jivvalutaw l-azzjonijiet mwettqa s'issa fil-livell tal-UE biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni u jiżguraw il-media ta' kwalità u pluralistika, fl-interess taċ-ċittadini tal-UE?
2. Kif għandu jissaħħaħ l-approċċ koordinat bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiġu indirizzati l-isfidi attwali? Għandha tissaħħaħ il-politika Ewropea awdjoviżiva u dwar il-media u, f'dak il-każ, fuq xiex għandha tiffoka sabiex tinbena mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fil-media?

Sabiex kulħadd jingħata l-opportunità għal intervent fil-ħin disponibbli, il-Presidenza tistieden lill-partekipanti jillimitaw l-interventi tagħhom għal massimu ta' tliet minuti.